MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru 684/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Versus**

**Massimo Caruso**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Massimo Caruso ta' 35 sena iben Antonio u Vera nee Spade mwieled l-Italja fl-14 ta' Jannar 1973 u li fil-preżent resident fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Detentur tal-karta tal-identita' bin-numur 22119(A)

(a) Akkuzat talli fil-31 ta' Lulju 2008 għall-ħabta tal-11.00 tal-filgħodu fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta bi vjolenza jew b'theddid bil-ħsieb li jġieħgel lill-Ispettur Jeffrey Cilia uffiċjal pubbliku li jaħgmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li

għandha x’taqsam mal-kariga tiegħu , wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

(b) Fl-istess data, ħin, lok u ċikostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur Jeffrey Cila persna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-Liġi mill-awtorita’ kompetenti;

(ċ) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja u hedded lill-Ispettur Jeffrey Cilia, persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

(d) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, m’obdiex l-ordinijeit leġittimi tal-Ispettur Jeffrey Cilia, persuna nkairigat minn srvizz pubbliku jew ma ħallihx jew ma fixklu waqt li kien qed jagħmel dmirijietu jew b’xi mod ieħor, bla jedd, indaħala fi dmiru, billi ma ħalliehx jaħgmel dak li bil-liġi kien ordnat jew jsita’ jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li kien qed jagħmel skond il-liġi jew b’xi mod ieħor li jkun.

(e) U finalment talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 6 u 17), iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li għandu n-numru 1872/1999 fol 7), il-fedina penali tal-imputat (fol 8 et), l-istqarrija tal-imputat (fol 15), l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex id-data fiċ-ċitazzjoni tinbidel u flok il-kelma ‘Awwissu’ tidħol il-kelma ‘Lulju’, għal-liema bidla l-imputat ta ruħu b’notifikat, il-qari mill-ġdid taċ-ċitazzjoni bil-bidla awtorizzata, l-eżami mill-ġdid tal-imputat, is-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imptutat li

tidher a fol 30 sa 51, l-għeluq tal-provi mill-Prosekuzzjoni fil-11 ta' Marzu 2009, l-iskuża li għamel l-imputat seduta stante fil-25 ta' Novembru 2009, u d-differiment għas-sentenza tal-25 ta' Novembru 2009.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

5. Skond l-Ispettur Jeffrey Cilia, fil-31 ta' Lulju 2008, bdiet tinstema' x-xhieda f'kawża kontra l-imputat. Fi tmiem is-seduta l-imputat dar fuq l-Ispettur u l-imputat qal lill-Ispettur biex jikkalma. L-imputat baqa' jgerger u jirrabja ma' CO 74.

6. L-Ispettur Jeffrey Cilia widdeb lill-imputat biex dan ikellmu sew. (fol 23). L-imputat ġera lejn l-Ispettur u għamel wiċċu ma' wiċċ l-ispettur. L-ispettur qal lill-imputat li kien ser ikellmu d-depot u l-imputat wieġbu 'U billi nitkellmu d-depot?' Jien am niddejjaqx minnek.' Meta l-Ispettur daħal fl-Awla beda jgħajru 'Korrott, maħmuġ u nġib il-provi li int korrott u maħmuġ.' L-imputat ma refx idejh iżda kien mar ma' wiċċ l-ispettur b'mod aggressive u tefa' rasu ma' ras l-ispettur. (Fol 24).

**L-Istqarrija tal-Imputat (31 ta' Lulju 2008)**

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li kellu diskussjoni mal-ispettur Jeffrey Cilia u li kienet qabżitlu. Qal ukoll li kien iddispjaċih. (fol 15). Huwa qal li ma kienx deherlu l-avukat u li l-ispettur kien uża approach ħażin miegħu. L-imputat kien 'maħruq' u l-imputat kien ħebb għalih. L-imputat qal li ma kellu ebda intenzjoni jħebb għall-ispettur u

> *'li kienu ġew wiċċ ma' wiċċ.' (fol 15)*

8. L-imputat qal li kein l-ispettur li l-ewwel li mar fuqu u beda jgħajjat ma' wiċċu.

Huwa ċaħad li kien hedded lill-ispettur. Biss qal li kien qallu ħafna affarijiet. (fol 16).
Ammetta wkoll li kien għajru 'korrott' Dan kein qalu għax dak ġieh f'ħalqu dak il-ħin. Huwa qal ukoll:

*'Ma ridtx naggredih. Ridt biss inħammġu. Għalhekk għidtlu 'korrott.'*

9. Fl-aħħar qal li kien iddispjaċih li kien għamel hekk u ried jiskuża ruħu quddiem dawk kollha li kienu preżenti. L-imputat qal ukoll li dejjem kien kellmu tejjeb lill-ispettur.

10. Mix-xhieda ta' l-ispettur Carmelo Magri jirriżulta li l-imputat kien talab lil dan ix-xhud biex jgħarraf lill-ispettur Jeffrey Cilia li l-imputat kien iddispjaċih.

11. PC 544 George Zammit ikkonferma li l-imputat kien rasu mal-ispettur Cilia u semgħu jgħid lill-ispettur il-kliem 'korrott u maħmuġ.' Lil dan ix-xhud kien qallu wkoll 'Imissek tistħi qiegħed fil-pulizija.'

12. L-ispettur Jesmond Borg xehed li ien daħal biex jikkalma s-sitwazzjoni. Ftakar li kien ntqal il-kliem 'korrott' L-imputat kważi ried jagħmel għall-ispettur. Li ma kienx hemm min iżommu, l-imputat kien jagħmel għall-ispettur.

13. L-Ispettur Anthony Portelli ippreżenta s-sentenza tar-reċidiva u kkonferma l-identita' tal-imputat.

14. Xehed ukoll CO 74 Joe Zammit li kkonferma li l-imputat kien għajjar lill-ispettur Jeffrey Cilia korrott. (fol 58). L-imputat għajjar lill-ispettur it-tieni darba. (fol 58) u għalhekk l-ispettur Jeffrey Cilia kien ordna li l-imputat jittieħed id-depot. Ix-xhud qal li l-imputat u l-ispettur kien qishom daħlu f'xulxin. Kien l-imputat l-ewwel li resaq. (fol 59).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

15. Mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-imputat għamel wiċċu ma' wiċċ l-Ispettur Jeffrey Cilia kif ukoll li hwua għajjar lill-Ispettur korrott. Dan huwa ppruvat

mhux biss minn dak li kkonfermaw bil-ġurament, l-ispettur Jeffrey Cila, l-ispettur Jesmond Borg , PC 544 George Zammit u CO 74 Joe Zammit, iżda wkoll mill-istqarrija tal-imputat. Minn din jirriżulta ċar li l-imputat kellu l-intenzjoni li jħammeġ lill-Ispettur Jeffrey Cilia għax l-imputat stess qal li ried iħammġu.

**L-ewwel Imputazzjoni**

16. Skond l-ewwel imputazzjoni, l-imputat kien akkużat b'tentattiv li uża l-vjolenza jew it-theddid sabiex l-Ispettur ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu. Minħabba li ma ma nġibtx prova ta' x'kienet din il-ħaġa li l-imputat ipprova jżomm lill-Ispettur milli jagħmel jew li ma jagħmilx, il-Qorti qed tilliebra lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

17. Skond din l-imputazzjoni, l-imptuat attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza. Ma jirriżultax li l-imputat għamel attack jew għamel xi reżistenza. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputa mit-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

18. Skond din l-imptuazzjoni, l-imputat inġurja jew hedded lill-istess spettur Cilia. Din l-imputazzjoni tirriżulta ampjament. L-inġurja kienet ippruvata mid-diversi xhieda li semgħuha u kkonfermha l-imputat.

19. Dwar it-theddid, kien l-imptutat li ressaq rasu lejn ras l-ispettur. Dan għandu jitqies bħala theddid lill-uffiċjal pubbliku li kien qed jaqdi dmirijietu fil-Qorti Huwa ppruvat li l-imputat ried ibeżża' lill-ispettur li dik il-ħin kien qed jipprova jikkalma lill-imputat fl-Awla kif ukoll barra mill-Awla tal-Qorti. Il-buon ordni huwa l-aqwa servizz li jista' jagħti kull membru tal-pulizija. Iżda l-imputat – mingħajr ma kien jaħti xejn l-ispettur – ħass li qabżitlu u ried jieqaf lill-ispettur. Dan ikompli jiġi kkonfermat bit-ton ta' sfida li xejn ma kein ser jiġri jekk jittieħed id-depot.

**Ir-raba' Imputazzjoni l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9**

20. L-imptutat ma obdiex l-ordni li tah l-ispettur. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fit-tielet imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Il-ħames imputazzjoni (Ir-reċidiva)**

21. Dina kienet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni għaliex kienet ippreżentata s-sentenza u kienet hemm l-identifikazzjoni tal-imputat. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

22. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 91, 92, 96, 95, 338(ee), 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni bir-raba' imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni ai termini tal-aertikolu 17(h) tal-Kap 9 u qed tilliberah mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni.

23. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-imputat kien induna mill-ewwel bl-iżball li għamel u skuża ruħu għal dak li ġara. L-istess reġa' għamel fl-udjenza tal-25 ta' Novembru 2009. Min-naħa l-oħra l-Qorti qed tqis li l-imputat inġurja lill-ispettur propju fil-Qorti u li dan sar deliberatament. Dan ma jagħmilx ġid lill-membri tal-Korp tal-Pulizija.

24. Skond l-artikolu 95 tapplika l-piena kkontemplata fl-artikoli 249 jew 252 miżjud bi grad. Dan l-artikolu jikkontempla piena ta' priġunerija ta' mhxu aktar minn tliet xhur jew multa. Jekk dawn jiżdiedu bi grad dan jitilgħu (skond l-artikolu 31 (xiii) ) tal-Kap 9 minn xahrjen 'il fuq u l-istess japplika għall-multa (ara 31(f) tal-Kap 9).

25. Il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat għamel skuża iżda fl-istess ħin l-imputat huwa reċidiv. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' xahrejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------